



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 12.9.2012
COM(2012) 492 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-għeruq ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-
Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni**

WERREJ

1.	SFOND.....	3
1.1.	L-importanza tas-soċjetà ċivili.....	3
1.2.	Dak li tifhem l-UE b'CSOs.....	3
1.3.	Xenarju li qed jinbidel.....	4
2.	RISPONS IMĠEDDED MIN-NAĦA TAL-UE.....	4
3.	PROMOZZJONI TA' AMBJENT FAVOREVOLI.....	5
4.	ENFASI QAWWIJA FUQ IL-LIVELL TAL-PAJJIŻI.....	7
4.1.	Politika inklussiva għal governanza aħjar.....	7
4.2.	Trasparenza u responsabbiltà domestiċi.....	8
4.3.	Servizzi soċjali: Sħubijiet għal kwalità aħjar.....	9
4.4.	Il-ħidma tas-CSOs għal tkabbir inklussiv u sostenibbli.....	10
4.5.	Il-pjanijiet direzzjonali tal-UE għall-kooperazzjoni mas-CSOs.....	10
5.	CSOs F'KUNTESTI REĠJONALI U GLOBALI.....	11
6.	INFASLU L-APPOĠĠ TAL-UE.....	11
6.1.	Enfasi fuq l-iżvilupp tal-kapaċità.....	11
6.2.	Finanzjament adattat għall-ħtiġijiet lokali.....	12
7.	KONKLUŻJONIJIET.....	12

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-għeruq ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-
Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni**

1. SFOND

1.1. L-importanza tas-soċjetà ċivili

Soċjetà ċivili mogħtija s-setgħa hija element essenzjali ta' kwalunkwe sistema demokratika u huwa ta' vantaġġ fih innifisu. Hija tirrappreżenta u trawwem il-pluraliżmu u tista' tikkontribwixxi għal politika aktar effettiva, u żvilupp ekwu u sostenibbli u tkabbir inklussiv. Hija għandha rwol importanti fit-trawwim tal-paċi u fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti. Billi jartikolaw it-tħassib taċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) huma attivi fl-arena pubblika, u jwettqu inizzjattivi sabiex isaħħu d-demokrazija parteċipattiva. Huma jirrappreżentaw domanda dejjem tikber għal governanza trasparenti u responsabbli.

Filwaqt li l-istati jgħorru r-responsabbiltà primarja għall-iżvilupp u l-governanza demokratika, is-sinerġiji bejn l-istati u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jgħinu jegħlbu l-isfidi tal-faqar, iż-żieda fl-inugwaljanza, l-esklużjoni soċjali u żvilupp mhux sostenibbli. Il-parteċipazzjoni tas-CSOs fil-proċessi ta' politika hija ta' importanza ewlenija biex jiġu żgurati politiki inklussivi u effettivi. Is-CSOs għalhekk jikkontribwixxu biex jibnu stati aktar responsabbli u leġittimi, li jwasslu għal aktar koeżjoni soċjali u demokraziji aktar miftuħa u aktar profondi.

1.2. Dak li tifhem l-UE b'CSOs

Il-kunċett ta' 'CSOs' iħaddan firxa wiesgħa ta' atturi li għandhom rwoli u mandati differenti. Id-definizzjonijiet ivarjaw maż-żmien u skont l-istituzzjonijiet u l-pajjiżi. L-UE tqis li s-CSOs jinkludu l-istrutturi kollha mhux Statali u mhux għall-profit¹, mhux partiġġjani u mhux vjolenti, li permezz tagħhom in-nies jorganizzaw ruħhom biex isegwu għanijiet u ideali komuni, kemm politiki, kif ukoll kulturali, soċjali jew ekonomiċi. Huma joperaw mil-livell lokali, għal dawk nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, u jinkludu organizzazzjonijiet urbani u rurali, formali u informali. L-UE tapprezza d-diversità u l-ispeċifitajiet tas-CSOs; hija tikkoopera ma' CSOs responsabbli u trasparenti li jikkondividu l-impenn tagħha għall-progress soċjali u l-valuri fundamentali tal-paċi, il-libertà, l-ugwaljanza tad-drittijiet u d-dinjità umana.

¹ Dawn jinkludu CSOs ibbażati fuq is-sħubija, ibbażati fuq kawżi u orjentati li joffru servizzi. Fosthom, organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità, organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet reliġjużi, fondazzjonijiet, istituzzjonijiet ta' riċerka, organizzazzjonijiet għall-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-LGBT, kooperattivi, assoċjazzjonijiet professjonali u tan-negożju, u l-midja mhux għall-qligħ. It-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, l-hekk imsejħa msieħba soċjali, jikkonstitwixxu kategorija speċifika ta' CSOs.

1.3. Xenarju li qed jinbidel

L-aħħar għaxar snin raw żviluppi kontrastanti. Is-CSOs issa huma ġeneralment rikonoxxuti bħala atturi reali fl-iżvilupp. Huma żdiedu fl-għadd u għandhom bażijiet soċjali ġodda, li jibnu koalizzjonijiet fil-livelli kollha. Is-CSOs jispikkaw bis-saħħa tal-kapaċità tagħhom li jikkomunikaw ma', jinvolvu, jirrappreżentaw u jiddefendu gruppi vulnerabbli u soċjalment esklużi, u jistimolaw l-innovazzjoni soċjali. F'dan l-isfond, il-gvernijiet f'diversi pajjiżi saħħew il-kooperazzjoni tagħhom mas-CSOs.

Madankollu, ir-relazzjoni bejn l-Istati u s-CSOs spiss hija delikata. Tradizzjoni limitata ta' djalogu għadha teżisti f'ħafna pajjiżi u wisq ta' spiss l-ispazju għas-soċjetà ċivili għadu dejjaq jew qed jiċkien, u restrizzjonijiet ħorox huma applikati. F'bosta kuntesti, is-CSOs iffukati fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni, inklużi l-organizzazzjonijiet tan-nisa, jiffaċċjaw limitazzjonijiet fl-opportunitajiet tagħhom biex jaħdmu u biex jiksbu l-finanzjament.

Min-naħa tagħhom, is-CSOs jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' sfidi ta' rappreżentattività, trasparenza, governanza u kapaċità interni, dipendenza fuq donaturi internazzjonali kif ukoll kompetizzjoni għar-riżorsi, aggravata mill-kriżi ekonomika. Barra minn hekk, forom ġodda u aktar fluwidi ta' azzjoni taċ-ċittadini u ż-żgħażaġh qed jiżdiedu: il-movimenti tar-'Rebbiegħa Għarbija' u 'Occupy' jiġbdu l-attenzjoni għall-potenzjal ta' *movimenti* soċjali u kulturali bħala aġenti għal bidla. L-ispazju u l-opportunitajiet miftuħa permezz tal-Internet u l-midja soċjali wkoll qed ikollhom rwol sostanzjali fl-ixprunar ta' din il-bidla.

2. RISPONS IMĠEDDED MIN-NAĦA TAL-UE

Fid-dawl ta' dan il-kuntest, il-Kummissjoni tipproponi approċċ imtejjeb u aktar strateġiku għall-kooperazzjoni tagħha mas-CSOs lokali li jkopru r-reġjuni kollha, inklużi pajjiżi li qed jiżviluppaw, dawk tal-viceinat u dawk tat-tkabbir. Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa għall-ispeċifitàjiet tal-pajjiżi, partikolarment f'kuntesti politiċi fluwidi ħafna.

L-UE tagħti importanza lil soċjetà ċivili dinamika, pluralistika u kompetenti u tirrikonoxxi l-importanza ta' relazzjonijiet kostruttivi bejn l-istati u s-CSOs. Għalhekk l-enfasi tal-politika tal-UE se tkun fuq l-isforzi tas-CSOs biex jibnu proċessi demokratiċi u sistemi ta' responsabbiltà aktar b'saħħithom u biex jiksbu riżultati aħjar tal-iżvilupp².

Din il-Komunikazzjoni tressaq tliet prijoritajiet għall-appoġġ tal-UE:

- **Li jiżdiedu l-isforzi biex jiġi promoss ambjent favorevoli għas-CSOs f'pajjiżi sħab.**
- **Li tkun promossa parteċipazzjoni sinifikanti u strutturata tas-CSOs fil-politiki domestiċi tal-pajjiżi sħab, fiċ-ċiklu tal-ippogrammar tal-UE u fil-proċessi internazzjonali.**
- **Li tiżdied il-kapaċità tas-CSOs lokali sabiex iwettqu b'mod aktar effettiv ir-rwoli tagħhom bħala atturi indipendenti fl-iżvilupp.**

² Sa mis-sebgħinijiet l-UE ikkooperat progressivament mas-CSOs permezz ta' oqfsa tal-politika u skemi ta' appoġġ li jiffukaw fuq il-parteċipazzjoni tagħhom fl-ippogrammar tal-UE. Din l-istrateġija kienet rifezza fl-aħħar Komunikazzjoni (COM (2002) 598 final) dwar il-parteċipazzjoni ta' Atturi mhux Statali fil-Politika tal-Iżvilupp tal-KE

Fil-livell operattiv, filwaqt li se jingħataw kunsiderazzjoni l-prinċipji tal-konċentrazzjoni u d-differenzjazzjoni³, kooperazzjoni aktar strateġika mas-CSOs se tiġi integrata fl-istrumenti u l-programmi u fis-setturi kollha tal-kooperazzjoni.

L-UE se tappoġġja l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Komunikazzjoni wkoll permezz tad-djalogi politiċi u tal-politika tagħha ma' pajjiżi sħab.

L-elaborazzjoni ta' *pjanijiet direzzjonali tal-UE ta' kooperazzjoni ma' CSOs*⁴ fil-livell tal-pajjiż għandhom jattivaw u jiżguraw djalogu strutturat u kooperazzjoni strateġika, li jżid il-konsistenza u l-impatt tal-azzjonijiet tal-UE.

Il-politika l-ġdida hija bbażata fuq ir-riżultati tad-*Djalogu Strutturat dwar l-involviment tas-CSOs u l-Awtoritajiet Lokali fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE*⁵ (2010 – 2011) dinji. L-inizjattiva ppermettiet reviżjoni fil-fond tas-sħubija multidimensjonali mas-CSOs b – li testendi minn aspetti ta' politika u strateġiċi sa kwistjonijiet operattivi u ta' finanzjament. Dan irriżulta f'viżjoni komuni dwar kooperazzjoni aktar ambizzjuża u koerenti tal-UE mas-CSOs.

Minbarra dan, din il-Komunikazzjoni tkompli tiżviluppa d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw is-CSOs li jinsabu fl-*Aġenda għall-Bidla l-ġdida*⁶ u *tqis il-Politika Ewropea tal-Viċinat*⁷ imġedda, *l-Istrateġiji tat-tkabbir riċenti*⁸ u *d-dikjarazzjonijiet dwar l-appoġġ tal-Baġit tal-UE għall-Pajjiżi Terzi*⁹, flimkien mal-impenni internazzjonali taħt is-*Sħubija Busan tal-2011 dwar il-Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp*¹⁰. Hija tintegra wkoll ir-riżultati tal-konsultazzjoni onlajn dwar 'l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp'¹¹.

3. PROMOZZJONI TA' AMBJENT FAVOREVOLI

Il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jipparteċipaw f'oqsma differenti tal-ħajja pubblika tiddependi fuq għadd ta' prekondizzjonijiet komunement imsejħa 'ambjent favorevoli għas-CSOs', li għalihom iġorru r-responsabbiltà atturi differenti.

Biex joperaw, is-CSOs jeħtieġu sistema legali u ġudizzjarja demokratika li tiffunzjona - li tagħtihom *de jure* u *de facto* d-dritt li jassoċjaw u finanzjament sikur, flimkien mal-libertà tal-espressjoni, l-aċċess għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika. L-istat għandu r-responsabbiltà primarja li jiżgura dawn il-kundizzjonijiet bażiċi.

Madankollu ħafna pajjiżi ma għandhomx strutturi legali u regolatorji favorevoli biex jiggarantixxu lis-CSOs id-dritt li joperaw b'mod indipendenti u ħieles minn interferenza mhux xierqa. F'xi pajjiżi l-gvernijiet jonqsu milli jirrikonoxxu r-rwol tas-CSOs. Bħala riżultat, is-

³ Kif propost fil-politika l-ġdida tal-UE għall-iżvilupp (l-"Aġenda għall-Bidla"), il-kooperazzjoni bilaterali għall-iżvilupp tal-UE se tkun ikkonċentrata fuq massimu ta' tliet setturi f'kull pajjiż imsieħeb u r-riżorsi se jkunu mmirati lejn dawk li huma l-aktar fil-bżonn, inklużi dawk f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità, u fejn jista' jkollhom l-ikbar impatt ta' żvilupp f'termini tat-tnaqqis tal-faqar.

⁴ Ara t-taqsima 4.5

⁵ Djalogu Strutturat: http://ec.europa.eu/europeaid/who/partners/civil-society/structured-dialogue_en.htm

⁶ COM (2011) 637, Konklużjonijiet tal-Kunsill 9316/12

⁷ COM (2011) 303

⁸ COM (2010) 660

⁹ COM (2011) 638, Konklużjonijiet tal-Kunsill 9323/12

¹⁰ http://www.aideffectiveness.org/busanhlf4/images/stories/hlf4/OUTCOME_DOCUMENT_FINAL_EN.pdf

¹¹ "Semma leħnek" DEVCO (2012): http://ec.europa.eu/europeaid/how/public-consultations/6405_en.htm

CSOs spiss jiffaċċjaw restrizzjonijiet dwar l-oqfsa legali u ta' politika li fihom jaħdmu, tentattivi sabiex jiskreditawhom jew jikkriminalizzawhom, limitazzjonijiet fuq l-aċċess għall-fondi, intimidazzjoni u saħansitra persekuzzjoni fiżika, detenzjoni u attakki vjolenti.

F'dan il-kuntest, il-komunità internazzjonali, inkluża l-UE, għandha dmir li tippromwovi, kemm għas-CSOs kif ukoll għall-individwi, l-isparju biex joperaw. L-UE għandha tmexxi bl-eżempju, toħloq pressjoni permezz tad-diplomazija u d-djalogu politiku mal-gvernijiet u billi pubblikament tqajjem kwistjonijiet li jirrigwardaw id-drittijiet tal-bniedem.

L-UE ilha fuq quddiem nett tal-iżvilupp ta' standards aktar b'saħħithom u mekkaniżmi għall-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa u l-OSCE. L-UE se ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex timmonitorja l-leġiżlazzjoni, regolamenti u kwistjonijiet operazzjonali li jistgħu jaffettwaw lis-CSOs, f'konformità mal-impenji internazzjonali. B'mod parallel, l-UE se tippromwovi inizjattivi mmexxija mis-CSOs u tappoġġja arranġamenti internazzjonali li jippromwovu u jissorveljaw ambjent favorevoli għas-CSOs¹².

L-UE se tkompli tiegħu azzjoni u miżuri f'pajjiżi fejn il-gvern jonqos milli jirrikonoxxi s-soċjetà ċivili b'konsegwenzi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Meta pajjiżi jnaqqsu l-impenn tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem u l-valuri fundamentali, l-UE tista' tissospendi l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-popolazzjonijiet lokali permezz tas-CSOs.

Wara r-Rivoluzzjoni tal-Ġiżimin fit-Tuneżija, programm ta' appoġġ għall-irkupru ekonomiku kien disponibbli għall-Gvern bil-kundizzjoni li tiġi adottata liġi ġdida dwar il-libertà tal-assoċjazzjoni. Din il-liġi emendat il-kundizzjonijiet użati mir-reġim preċedenti sabiex jikkontrolla din il-libertà.

Fil-kooperazzjoni tagħha ma' gvernijiet sħab, l-UE se tfittex li żżid il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi biex jaħdmu b'mod kostruttiv mas-soċjetà ċivili, iżżid il-fiduċja u l-kompetenzi biex jinbnew djalogu u opportunitajiet ta' sħubiji. L-UE se tkompli toffri pariri u appoġġ fit-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riformi, ukoll billi ttejjeb il-kapaċità ta' dawk li jfasslu l-politika u l-ħaddiema taċ-ċivil sabiex jaħdmu mas-CSOs.

L-UE tara rwol essenzjali għal mezzi tax-xandir indipendenti, inkluża l-midja soċjali. Dawn jikkontribwixxu għal soċjetà miftuħa bbażata fuq id-djalogu, id-diversità kulturali u r-riflessjoni kritika, u jżidu r-responsabbilizzazzjoni kemm tal-gvernijiet kif ukoll tas-CSOs.

Indirettament, is-CSOs ukoll għandhom rwol xi jwettqu, partikolarment biex jiżguraw l-indipendenza tagħhom mill-Istat, ir-rappreżentattività u l-governanza interna, it-trasparenza u r-responsabbiltà tagħhom. Bħala atturi fl-iżvilupp, is-CSOs għandhom huma wkoll ir-responsabbiltà li juru r-riżultati tal-azzjonijiet tagħhom, partikolarment lill-kostitwenti tagħhom. Diversi inizjattivi awtoregulatorji qed jiksbu rikonoxximent internazzjonali, bħall-Prinċipji ta' Istanbul tal-Iżvilupp u l-Effikaċja tas-CSOs u impenji oħra tar-responsabbiltà speċifiċi għall-atturi jew kodiċijiet ta' kondotta nazzjonali. L-UE tinkoraġġixxi iktar sforzi f'dan il-qasam.

¹² Ara wkoll id-dokument ta' Sħubija ta' Busan imsemmi fin-nota tal-qiegħ nru 10.

4. ENFASI QAWWIJA FUQ IL-LIVELL TAL-PAJJIŻI

Il-kontribuzzjoni tas-CSOs lokali bħala msieħba fid-djalogu u fis-sorveljanza se tkun fil-qalba tal-impenn tal-UE fil-ġejjieni. L-UE temmen fl-impurtanza tal-parteċipazzjoni fil-politiki domestiċi min-naħa tas-CSOs, u hija impenjata biex tippromwoviha.

L-appoġġ għas-CSOs bħala fornituri ta' servizzi, li fl-imġhoddi kien partikolarment sostnut mill-UE, se jiġi rfinut. Kull fejn possibbli, għandu jkun imfassal bħala sħubijiet kollaborattivi b'bosta atturi kkoordinati mal-awtoritajiet nazzjonali, b'għan fit-tul li jiġu promossi sistemi iktar responsabbli, effettivi u sostenibbli għas-servizz tal-popolazzjonijiet. Barra minn hekk, l-inizjattivi tas-CSOs jistgħu jiġu appoġġjati meta jiġu indirizzati kwistjonijiet li ma jirċevux konsiderazzjoni adegwata fi ħdan il-politiki nazzjonali iżda huma essenzjali għall-progress soċjali u jirriflettu l-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll dawk tal-iżvilupp sostenibbli.

Barra minn hekk, se jiġu wkoll appoġġjati l-inizjattivi u l-innovazzjonijiet għall-promozzjoni tat-tkabbir ekwu u sostenibbli mressqa mis-CSOs.

Il-pajjiżi f'kuntast ta' fraġilità, fi kriżi jew f'sitwazzjoni ta' wara kunflitt jixirqilhom approċċ speċifiku. L-UE tirrikonoxxi rwol essenzjali għas-CSOs fl-aġenda dwar il-paċi u s-sigurtà, partikolarment fil-prevenzjoni tal-kunflitti, il-bini tal-paċi u l-bini tal-istat.

L-UE ilha fuq quddiem biex tippromwovi l-parteċipazzjoni tas-CSOs fil-fażijiet tal-ipprogrammar tal-UE. Dan l-approċċ ġie progressivament imħaddan, partikolarment fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, wara d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Cotonou f'dan ir-rigward. Għandhom isiru aktar sforzi biex tiġi kkonsolidata l-prattika fir-reġjuni kollha.

4.1. Politika inklussiva għal governanza aħjar

Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċessi ta' politika pubblika u fid-djalogi tal-politika twassal għal politiki inklussivi u effettivi, jekk akkumpanjata minn allokkazzjoni adegwata ta' riżorsi u ġestjoni soda. Il-parteċipazzjoni tas-CSOs hija fattur ewlieni biex jitfasslu politiki li jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-nies. Il-gvernijiet jistgħu jibbenefikaw mill-parteċipazzjoni kostruttiva tas-CSOs fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' strateġiji nazzjonali, fil-livelli kollha. Ir-rieda politika tal-awtoritajiet pubbliċi sabiex jikkoooperaw hija kruċjali u l-UE se tinkoraġġixxi azzjonijiet biex isir progress f'din id-direzzjoni.

L-UE se tinvesti aktar fil-promozzjoni, l-appoġġ u l-monitoraġġ ta' mekkaniżmi effettivi għal djalogi orjentati lejn ir-riżultati, b'enfasi fuq id-dimensjoni b'diversi partijiet interessati tagħhom. Djalogi ta' politika nazzjonali jew settorjali għandhom jinkludu l-atturi kollha kkonċernati, bħas-CSOs u s-settur privat fejn rilevanti, u lill-gvernijiet imsieħba, l-awtoritajiet lokali, il-parlamenti u istituzzjonijiet nazzjonali oħra.

Sabiex ikun sinifikanti, id-djalogu għandu jkun fil-ħin, prevedibbli u trasparenti. Fl-istess waqt, sabiex proċess ta' politika jkun kredibbli, is-CSOs għandhom ikunu indipendenti, rappreżentattivi u kompetenti.

Appoġġjati minn mekkaniżmu ta' finanzjament imħallat b'diversi donaturi kofinanzjat mill-UE, is-CSOs fil-Gana jikkontribwixxu attivament għall-Kumitat tal-Interess Pubbliku u tar-Responsabbiltà li jimmonitorja u jirrapporta fuq id-dħul miż-żejt u l-gass, li huma ta' importanza dejjem akbar. Permezz ta' konsultazzjonijiet, proposti u preżentazzjonijiet lill-Kumitat Parlamentari rilevanti, is-CSOs irnexxielhom jinfluwenzaw it-tfassil ta' leġislazzjoni importanti tal-enerġija. Bħalissa dawn qed jissorveljaw l-implimentazzjoni, iqajmu l-kuxjenza u jsejħu lill-gvern sabiex jirrispondi għal ksur possibbli.

L-iskemi ta' djalogu huma speċifiċi għal kull pajjiż, għas-settur, u għall-atturi involuti. Pereżempju, il-ħidma tat-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem hija intrinsikament marbuta ma' djalogu soċjali indipendenti, inkluż mal-awtoritajiet nazzjonali dwar politiki li jaffettwaw is-suq tax-xogħol.

Fil-livell lokali, il-mekkaniżmi għad-djalogu bejn is-CSOs u l-awtoritajiet lokali għandhom jiġu promossi, billi jiggarantixxu punti ta' dħul utli għal input ta' politika f'kundestati deċentralizzati. Dan itejjeb is-sensittività tal-politiki nazzjonali għar-realtajiet lokali. Is-CSOs jistgħu jgħinu wkoll biex jimmobilizzaw riżorsi lokali u kapital soċjali, jaqsmu l-informazzjoni u jinvolvu gruppi marġinalizzati u b'hekk jgħinu fit-titjib tal-governanza lokali u l-koeżjoni territorjali.

Il-ftehimiet ta' sħubija volontarja FLEGT (**Forest Law Enforcement, Governance and Trade - Infurzar tal-Liġi, Governanza u Kummerċ Forestali**) huma ftehimiet kummerċjali bilaterali li għandhom l-għan li jiggarantixxu l-legalità tal-injam esportat lejn l-UE u jappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex itejbu l-governanza tal-foresti. FLEGT trawwem djalogu fost il-partijiet interessati f'pajjiżi msieħba, li jippermetti lis-CSOs sabiex attivament jgħinu fl-identifikazzjoni tal-isfidi ta' governanza, jgħinu fl-iżvilupp tal-miżuri regolatorji u tekniċi meħtieġa, u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-VPA. Fl-Indoneżja, is-CSOs sabu li l-FLEGT tathom is-setgħa "li jkunu involuti bis-sħiħ minflok iħossu li l-affarijiet qed jiġu ddettagliati lilhom mill-gvern u l-impriżi l-kbar."

4.2. Trasparenza u responsabbiltà domestiċi

Governanza fqira trażżan l-iżvilupp. Il-ħila li żżomm lil dawk li jiggvernaw responsabbli hija kruċjali għal governanza aħjar. F'sistemi demokratiċi hija r-responsabbiltà ewlenija tal-parlamenti li jżomm il-gvernijiet responsabbli; is-CSOs jistgħu wkoll ikollhom rwol biex isaħħu r-responsabbiltà domestika fuq il-livelli lokali u nazzjonali permezz ta' fluss tal-informazzjoni ħieles, ċar, u aċċessibbli. Huma jistgħu jikkontribwixxu għat-trawwim tar-rispett għall-istat tad-dritt billi jissorveljaw l-implimentazzjoni effettiva tal-liġijiet u l-politiki u jistgħu jniedu u jappoġġjaw l-isforzi kontra l-korruzzjoni.

Billi janalizzaw u jikkontribwixxu għall-proposti tal-baġit, għall-monitoraġġ u l-intraċċar tad-dħul u l-infiq pubbliku, u jappoġġjaw il-litteriżmu baġitarju taċ-ċittadini, is-CSOs għandhom rwol importanti fil-proċessi tal-baġit, u dan jgħin biex jiżgura li r-riżorsi pubbliċi jintużaw b'mod effettiv u effiċjenti. Ir-rabta bejn il-baġit u l-prijoritajiet, il-bżonnijiet u d-drittijiet tal-bniedem tal-popolazzjoni tista' żżid l-impatt fuq it-tnaqqis tal-faqar u t-tkabbir inklussiv.

L-UE għandha ssaħħa l-appoġġ tagħha għall-isforzi mmexxija mill-pajjiżi biex jissaħħu s-sistemi tar-responsabbiltà domestika, filwaqt li jiġi promoss ir-rwol tas-CSOs fis-sorveljanza, flimkien mal-parlamenti, l-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar, l-aġenziji tal-monitoraġġ tal-akkwisti pubbliċi u l-midja. L-UE se tappoġġja l-kapaċitajiet tas-CSOs sabiex jimpenjaw irwieħhom b'mod effettiv f'dawn is-sistemi b'perspettiva fit-tul, inkluż fil-livell lokali fejn minjiera ta' approċċi diversi u innovattivi qed jitfaċċaw fil-qasam tar-'responsabbiltà soċjali', inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda.

Skont il-Komunikazzjoni riċenti dwar l-approċċ futur tal-Appoġġ Baġitarju tal-UE lil Pajjiżi Terzi (2011), meta tuża l-appoġġ baġitarju l-UE għandha tagħti attenzjoni partikulari biex sistematikament tiffaċilita r-rwol ta' sorveljanza tas-CSOs. Il-kriterju l-ġdid tal-eliġibbiltà dwar it-'trasparenza u s-sorveljanza tal-baġit' se jiffoka fuq id-disponibbiltà fil-ħin ta' informazzjoni baġitarja komprensiva u tajba li biha s-CSOs jistgħu jirresponsabilizzaw aħjar lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

Fil-**Marokk**, l-UE pprovdiet appoġġ għal żewġ CSOs, fondazzjoni u ċentru tar-riċerka, biex jittejjeb l-involvement ta' parlamentari ta' gruppi politiċi differenti fil-proċessi u r-riformi baġitarji. Permezz ta' riċerka u taħriġ, is-CSOs appoġġjaw b'suċċess lill-parlamentari sabiex jifhmu aħjar il-kwistjonijiet baġitarji, u b'hekk saħħu l-involvement tagħhom fir-riforma tal-liġi tal-finanzi.

4.3. Servizzi soċjali: Sħubijiet għal kwalità aħjar

L-iżgurar tal-forniment effettiv tas-servizzi soċjali - inklużi s-saħħa, l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali - huwa r-responsabbiltà tal-gvernijiet, kemm fuq il-livell ċentrali kif ukoll fuq dak lokali, skont il-qafas istituzzjonali tal-pajjiż. Lil hinn mill-forniment tas-servizzi, l-istati jassumu r-responsabbiltà għas-sorveljanza, ir-regolamentazzjoni u l-kwalità tagħhom. Huma jistgħu jagħżlu li jaħdmu permezz ta' firxa wiesgħa ta' arranġamenti organizzattivi, minn skemi parteċipattivi sa sħubijiet pubbliċi-privati.

Is-CSOs għandhom rwol importanti fil-forniment tas-servizzi, jikkumplementaw il-forniment tal-gvern lokali u nazzjonali u l-ittestjar ta' proġetti innovattivi. Il-kapaċità tagħhom li jidentifikaw il-ħtiġijiet, jindirizzaw kwistjonijiet traskurati u tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem, u servizzi normali għal popolazzjonijiet li huma soċjalment esklużi jew diffiċli biex jintlaħqu hija partikolarment importanti.

L-għan globali tal-UE fil-qasam tas-servizzi soċjali huwa li tappoġġja l-ħila tal-awtoritajiet pubbliċi biex jibnu sistemi sostenibbli u ta' kwalità għall-benefiċċju tal-popolazzjoni. L-UE tara valur fil-parteċipazzjoni tas-CSOs fi sħubijiet ta' bosta atturi, b'mod partikolari fis-setturi li jibbenefikaw minn kooperazzjoni bilaterali tal-UE, bħala mezz għall-promozzjoni ta' approċċ koordinat fl-ippjanar u l-forniment tas-servizzi. Dan huwa rilevanti wkoll f'relazżjoni mar-rwol emerġenti tas-settur privat f'dan il-qasam. Fuq terminu ta' żmien twil, l-UE tinkoraġġixxi l-finanzjament tal-mekkaniżmi li jappoġġjaw is-CSOs lokali fl-għoti tas-servizzi biex jiġu progressivament integrati fis-sistemi nazzjonali, mirfuda minn oqfsa regolatorji b'saħħithom u trasparenti li jiggwarantixxu aċċess ekwu. Biex tiġi limitata l-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni, għandu jsir sforz biex ikun hemm koordinazzjoni fil-livelli kollha.

Appoġġ dirett għas-CSOs fil-forniment tas-servizzi jista' jingħata biex jiġi żgurat li gruppi żvantaġġati jkunu jistgħu jaċċessaw is-servizzi bażiċi, jew biex jikkumplementa l-azzjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi li ma jwettqux il-funzjonijiet tagħhom jew li jkunu assenti, partikolarment fil-pajjiżi l-inqas żviluppati. Dan huwa partikolarment meħtieġ f'kundestji fraġli, f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' kriżi.

Fis-**Somaliland**¹³, l-UE u donaturi oħrajn appoġġjaw żewġ CSOs Ewropej sabiex jistabbilixxu istituzzjoni reġjonali ta' taħriġ veterinarju. Permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq u bl-użu ta' approċċ ta' taħlim innovattiv, hija edukat ġenerazzjoni ġdida ta' professjonisti veterinarji biex tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-industrija tal-annimali fis-Somalja. Minkejja l-kundest fraġli, din issa hija istituzzjoni tal-edukazzjoni terzjarja stabbilita sew b'affiljazzjonijiet ma' istituzzjonijiet Ewropej u Afrikani.

¹³ Din in-nomina għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus.

4.4. Il-ħidma tas-CSOs għal tkabbir inklussiv u sostenibbli

Is-CSOs qegħdin dejjem aktar isiru atturi attivi fl-isfera ekonomika, b'inizjattivi li għandhom impatt fuq l-ekonomija lokali jew billi jissorveljaw ir-riperkussjonijiet tal-politiki ekonomiċi nazzjonali u internazzjonali. L-UE ilha tappoġġja l-'ekonomija soċjali'¹⁴, li tiffoka fuq il-kisba ta' impatt soċjali minflok qligħ biss. Assoċjazzjonijiet tal-kooperattivi, fondazzjonijiet u NGOs huma partikolarment attivi fil-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-ħolqien tal-impjiegi permezz tal-mobilizzazzjoni ta' komunitajiet lokali, l-għoti ta' servizzi u l-istimolu ta' attivitajiet li jiġġeneraw id-dħul għal dawk li huma foqra u emarġinati. Fl-istess vena, f'Rio+20, l-UE appoġġjat referenzi għas-CSOs bħala atturi attivi f'ekonomija ekoloġika inklussiva, b'enfasi fuq l-importanza li jiġu inklużi fatturi kemm soċjali kif ukoll ambjentali meta jiġi stimulat it-tkabbir ekonomiku.

L-UE se tappoġġja inizjattivi u sħubiji tas-CSOs li jikkombinaw l-ambizzjonijiet ekonomiċi u soċjali, f'setturi bħall-iżvilupp rurali, is-sigurtà tal-ikel, it-turiżmu u l-kultura, l-ambjent u l-enerġija, fost oħrajn. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħolqien tax-xogħol u l-intraprenditorija li tkun sensittiva għall-bżonnijiet tal-komunità, li jstimulaw it-tkabbir ekonomiku lokali b'mod inklussiv u sostenibbli.

Fil-Brażil, l-UE appoġġjat CSO lokali biex tippromwovi l-inklużjoni soċjali u ekonomika ta' dawk li jiġbru l-iskart permezz ta' Network, li jipprovdi l-litteriżmu, it-taħriġ f'ħiliet vokazzjonali u maniġerjali, l-edukazzjoni ambjentali dwar ir-riċiklaġġ, u għajnuna teknika (fl-amministrazzjoni, il-kontabilità, il-kummerċjalizzazzjoni, eċċ.) għall-kooperattivi tagħhom. Dan iżid l-introjt individwali, inaqas l-illitteriżmu, u jiftaħ l-aċċess għall-protezzjoni soċjali. Fl-2012, dan il-proġett rebaħ il-Premju Nazzjonali Brażiljan għall-Għan tal-Iżvilupp tal-Millennju 1.

L-UE se tappoġġja wkoll skemi innovattivi li jestendu l-aċċess għas-servizzi finanzjarji għal dawk li huma esklużi mis-sistemi bankarji tradizzjonali, speċjalment in-nisa.

Ser tingħata attenzjoni wkoll għall-ħidma tas-CSOs biex jippromwovu u jissorveljaw ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, mudelli tan-negozju etiċi u sostenibbli u l-aġenda ta' xogħol deċenti, sħubijiet pubbliċi-privati, il-kummerċ ġust, u azzjonijiet immirati lejn aċċess ekwu għar-riżorsi naturali u l-art.

4.5. Il-pjanijiet direzzjonali tal-UE għall-kooperazzjoni mas-CSOs

L-UE u l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjanijiet direzzjonali għal kull pajjiż għall-kooperazzjoni mas-CSOs, sabiex jittejjbu l-impatt, il-prevedibbiltà u l-viżibilità tal-azzjonijiet tal-UE, u jiġu żgurati l-konsistenza u s-sinerġija madwar is-setturi varji koperti mir-relazzjonijiet esterni tal-UE. Dawn il-pjanijiet huma wkoll maħsuba biex iwasslu għall-koordinazzjoni u l-qsim tal-aħjar prattiki mal-Istati Membri u atturi internazzjonali oħrajn, inkluż għas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' rekwiżiti dwar il-finanzjament.

Pjanijiet direzzjonali għandhom ikunu bbażati fuq fehim sod tal-arena tas-CSOs u l-kuntest soċjoekonomiku usa' li fiha joperaw¹⁵. Dan huwa prerekwiżit għal impenn aktar strateġiku tal-UE fuq il-livell tal-pajjiżi, partikolarment jekk il-partijiet interessati rilevanti jridu jiġu identifikati sabiex jiġu stabbiliti jew iffaċilitati skemi effettivi u sinifikanti ta' dialoġu.

¹⁴ Ara *Sabiex jinħoloq ambjent favorevoli għall-intrapriżi soċjali, partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni* (2012): http://ec.europa.eu/internal_market/social_business/docs/COM2011_682_en.pdf

¹⁵ Immappjar regolari u parteċipatorju huwa rakkomandat, li jkopri d-diversità ta' atturi u jkopri n-netwerks u l-pjattaformi fuq livelli nazzjonali/settorjali.

Il-pjanijiet għandhom jidentifikaw l-oġġetti fit-tul tal-kooperazzjoni tal-UE ma' CSOs u jinkludu d-djalogu kif ukoll appoġġ operattiv, filwaqt li jidentifikaw il-modalitajiet għal ħidma xierqa. Dan l-eżerċizzju għandu jkun marbut mal-ipprogrammar tal-ġhajjnuna esterna tal-UE, jiġifieri l-kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u tematika. L-istrateġiji tal-pajjiżi dwar id-drittijiet tal-bniedem li attwalment qed jiġu żviluppati mill-UE se jkunu referenza importanti.

Il-pjanijiet għandhom jiġu żviluppati billi jitqiesu l-fehmiet tas-soċjetà ċivili, jiġu aġġornati regolarment u fejn xieraq, ikunu disponibbli pubblikament u maqsuma mal-awtoritajiet nazzjonali.

5. CSOs F'KUNTESTI REĠJONALI U GLOBALI

L-aħħar deċenni raw il-qawmien ta' gruppi attivisti internazzjonali li jippromwovu normi u standards multilaterali u joperaw f'netwerks globali u kampanji madwar id-dinja. Dawn ikopru kwistjonijiet bħall-kummerċ, il-ġustizzja globali, id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, it-trasparenza, is-saħħa globali u l-kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp. L-evoluzzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjoni kellha rwol ewlieni fit-tkabbir u l-bidla fir-rwol ta' netwerks tranżnazzjonali.

Organizzazzjonijiet, netwerks u alleanzi li joperaw fuq livelli reġjonali u globali se jkunu meġħjuna fl-indirizzar ta' sfidi globali u tranżnazzjonali.

L-UE se tappoġġja wkoll CSOs attivi fuq livelli Ewropej u globali li, f'kooperazzjoni u sħubija ma' CSOs lokali, jaġixxu biex jimmonitorjaw il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp, iżommu lill-komunità internazzjonali responsabbli għat-twettiq tal-impenji ta' ġhajjnuna u jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' kuxjenza fost iċ-ċittadini globali¹⁶.

Fil-livell tal-UE, qed tingħata attenzjoni partikolari għad-djalogu tas-CSOs mal-istituzzjonijiet Ewropej. Minbarra mekkaniżmi eżistenti għall-konsultazzjonijiet fuq politiki u programmi, il-Kummissjoni se twaqqaf grupp konsultattiv magħmul minn diversi partijiet interessati li jippermetti lis-CSOs u l-atturi rilevanti tal-iżvilupp sabiex jiddjalogaw mal-istituzzjonijiet tal-UE dwar il-politiki tal-iżvilupp tal-UE, kif ukoll dwar id-dispożizzjonijiet proposti f'din il-Komunikazzjoni.

6. INFASLU L-APPOĠĠ TAL-UE

6.1. Enfasi fuq l-iżvilupp tal-kapaċità

Sabiex jiżied l-impatt tagħhom, is-CSOs lokali għandhom jegħlbu r-restrizzjonijiet ta' kapaċità li jvarjaw minn limitazzjonijiet fil-ġestjoni teknika u l-ħiliet ta' tmexxija, ġbir ta' fondi, ġestjoni tar-riżultati u kwistjonijiet ta' governanza interna.

L-UE se ssaħħa l-appoġġ tagħha għall-kapaċità tal-iżvilupp tas-CSOs, partikolarment l-atturi lokali, bħala parti minn approċċ fit-tul, immexxi mid-domanda u flessibbli, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari għall-bini tal-kostitwenzi u r-rappreżentattività.

¹⁶ Fl-Ewropa, dan huwa appoġġat b'mod qawwi mill-Kummissjoni bi programm speċifiku bbażat fuq l-atturi dwar l-Edukazzjoni u t-Tqajjim tal-Kuxjenza dwar l-Iżvilupp (DEAR).

L-UE se tappoġġja wkoll sħubiji fit-tul u ekwi għall-iżvilupp tal-kapaċità bejn CSOs lokali u Ewropej. Dawn għandhom ikunu bbażati fuq id-domanda lokali, inkluż il-mentoring u l-ikkowċjar, it-tagħlim bejn il-pari, in-netwerking, u l-bini ta' rabtiet mil-livell lokali sa dak globali.

6.2. Finanzjament adattat għall-ħtiġijiet lokali

Finanzjament imfassal apposta jikkostitwixxi komponent importanti tal-kooperazzjoni tal-UE mas-CSOs u għandu jippermetti aċċess aħjar għal organizzazzjonijiet lokali. Il-Kummissjoni se tuża taħlita xierqa ta' modalitajiet tal-finanzjament¹⁷ sabiex tirreaġixxi bl-aħjar mod għall-firxa l-aktar wiesgħa possibbli ta' atturi, ħtiġijiet u kuntesti tal-pajjiżi b'mod flessibbli, trasparenti, kosteffikaċi u ffukat fuq ir-riżultati.

Fil-Balkani tal-Punent u t-Turkija l-UE qed tappoġġja networks reġjonali ta' CSOs permezz ta' Ftehimiet Qafas ta' Sħubija. Dan jippermetti li jkun hemm approċċ programmatiku fit-tul u aktar flessibbli, li jappoġġja lis-CSOs sabiex jaħdmu bi sħab sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji għal setturi partikolari filwaqt li jaqsmu l-esperjenzi u l-għarfien miksuba minn kuntesti ta' pajjiżi differenti. B'enfasi fuq il-bini tal-kapaċità għall-analiżi, il-monitoraġġ u l-promozzjoni sabiex jinfluwenzaw ir-riforma tal-politika, is-CSOs imsieħba jistabbilixxu kuntatt mil-livell reġjonali għal dak nazzjonali u jkollhom ukoll l-opportunità li jittestjaw proġetti lokali fuq skala żgħira permezz ta' għoti mill-ġdid lil organizzazzjonijiet ta' bażi jew oħrajn ibbażati fil-Komunità.

7. KONKLUŻJONIJIET

F'kuntest internazzjonali li qed jevolvi u f'konsiderazzjoni tal-politiki esterni tal-UE, il-proposti mressqa f'din il-Komunikazzjoni għandhom l-għan li jagħtu spinta lir-relazzjonijiet tal-UE mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jadattawhom għall-isfidi attwali u tal-ġejjieni. Huwa propost rispons imġedded tal-UE bil-ħsieb li jingħataw setgħa primarjament CSOs lokali fl-azzjonijiet tagħhom għall-governanza demokratika u l-iżvilupp ekwu. Flimkien, l-UE u l-Istati Membri huma f'pożizzjoni unika biex jikkooperaw b'mod aktar strateġiku biex jinkisbu aktar koerenza, konsistenza u impatt mill-azzjonijiet tal-UE.

¹⁷ L-UE tista' tikkunsidra l-approċċi u l-modalitajiet tal-finanzjament kollha permessi mir-regolamenti finanzjarji. Dawn jinkludu proġetti, finanzjament għal programmi, għotjiet diretti, finanzjament maqsum, segwitu ta' għotjiet, finanzjament ta' bażi, kofinanzjament, iżolament, sejħiet simplifikati u għoti mill-ġdid.